# IL-BALKANI TAL-PUNENT

L-UE żviluppat politika biex tappoġġa l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-Unjoni. Fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja saret l-ewwel mis-seba' pajjiżi li aderiet, u l-Montenegro, is-Serbja, il-Maċedonja ta' Fuq u l-Albanija huma kandidati uffiċjali. Inbew negozjati ta' adeżjoni u nfetħu kapitoli mal-Montenegro u mas-Serbja, filwaqt li l-Bosnja u l-Ħerzegovina u l-Kosovo huma pajjiżi kandidati potenzjali.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— It-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE): azzjoni esterna tal-UE;

— l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE): ftehimiet kummerċjali internazzjonali;

— l-Artikolu 49 tat-TUE: kriterji għall-applikazzjoni u l-adeżjoni.

## L-OBJETTIVI

L-UE għandha l-għan li tippromwovi l-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp ekonomiku fil-Balkani tal-Punent u tiftaħ il-prospett ta' integrazzjoni fl-UE.

## IL-KUNTEST

Fl-1999, l-UE nediet il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (PSA), qafas għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi fir-reġjun, kif ukoll il-Patt ta' Stabbiltà, inizjattiva usa' li tinvolvi l-atturi internazzjonali ewlenin kollha. Fl-2008 l-Patt ta' Stabbiltà ġie sostitwit mill-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali. Il-Kunsill Ewropew tal-2003 f'Salonka tenna li l-pajjiżi kollha tal-PSA kienu kandidati potenzjali għall-adeżjoni mal-UE. Din il-"perspettiva Ewropea" ġiet affermata mill-ġdid fl-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent tal-Kummissjoni ta' Frar 2018 u fid-Dikjarazzjoni ta' Sofija wara s-Summit UE-Balkani tal-Punent tas-17 ta' Mejju 2018 fil-kapitali Bulgara.

## L-ISTRUMENTI

### A. Il-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (PSA)

Il-PSA, li ġie imniedi fl-1999, jirrappreżenta l-qafas strateġiku li jappoġġa t-tqarrib gradwali tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent lejn l-Unjoni Ewropea. Din il-politika hija bbażata fuq relazzjonijiet kuntrattwali bilaterali, assistenza finanzjarja, djalogu politiku, relazzjonijiet kummerċjali u kooperazzjoni reġjonali.

Ir-relazzjonijiet kuntrattwali jieħdu l-forma ta' Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA). Dawn jipprevedu l-kooperazzjoni politika u ekonomika u l-ħolqien ta' żoni ta' kummerċ ħieles mal-pajjiżi kkonċernati. Abbażi ta' prinċipji demokratiċi komuni, id-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, kull FSA jistabbilixxi strutturi ta' kooperazzjoni permanenti. Il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, li jiltaqa' kull sena fil-livell ministerjali, jissorvelja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ftehim ikkonċernat. Huwa megħjun mill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Fl-aħħar nett, Kumitat Parlamentari ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jiżgura kooperazzjoni bejn il-parlamenti tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-Parlament Ewropew.

Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) mal-Kosovo f'April 2016, hemm FSAs attwalment fis-seħħ mal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent kollha. Fil-każ tal-Kosovo, l-FSA huwa ftehim għall-UE biss, li ma jeħtieġx ratifika mill-Istati Membri (ħames Stati Membri ma jirrikonoxxux lill-Kosovo bħala Stat indipendenti). L-aspetti kummerċjali u dawk relatati mal-kummerċ tal-FSA huma inklużi fi ftehimiet interim. Dawn ġeneralment jidħlu fis-seħħ malajr wara li jkunu ġew iffirmati, peress li l-kummerċ huwa kompetenza "esklussiva" tal-UE.

## B. Il-proċess ta' adeżjoni

L-applikanti għall-adeżjoni mal-UE jridu jissodisfaw il-kriterji politiċi ta' Copenhagen (ara d-dokument ta' informazzjoni dwar "it-Tkabbir tal-Unjoni"). Ladarba pajjiż ikun ġie rikonoxxut bħala kandidat, jgħaddi mid-diversi fażijiet tal-proċess b'ritmu li jiddependi l-aktar fuq il-progress tiegħu stess.

Il-pajjiż kandidat irid jadotta u jimplimenta l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE, jiġifieri l-*acquis communautaire*. Il-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress fir-rapporti annwali tagħha għal kull pajjiż. Kull deċiżjoni importanti tittieħed mill-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità, mill-ftuħ tan-negozjati sal-għeluq tagħhom. It-trattat ta' adeżjoni jrid jiġi approvat mill-Parlament u mill-Kunsill, qabel ma jiġi rratifikat mill-Istati kontraenti kollha.

Il-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jirċievu assistenza finanzjarja biex iwettqu r-riformi neċessarji. Mill-2007, l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE saret tingħata permezz ta' strument waħdieni unifikat: l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA).

Ħafna mill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jistgħu jipparteċipaw ukoll fi programmi tal-UE.

## C. Il-kooperazzjoni reġjonali

L-integrazzjoni Ewropea u l-kooperazzjoni reġjonali huma magħġuna ma' xulxin. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-PSA huwa li jħeġġeġ lill-pajjiżi tar-reġjun jikkooperaw bejniethom fuq firxa wiesgħa ta' oqsma, fosthom il-prosekuzzjoni ta' delitti tal-gwerra, kwistjonijiet dwar fruntieri, ir-rifuġjati u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Komponent speċifiku tal-IPA huwa ddedikat għall-kooperazzjoni reġjonali u l-programmi transfruntiera.

Il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali (KKR), ibbażat f'Sarajevo, jopera skont il-gwida tal-Proċess ta' Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Ewropa (SEECP). Il-KKR għandu l-għan li jappoġġa l-aspirazzjonijiet Ewropej u Ewro-Atlantiċi tal-membri tiegħu li mhumiex membri tal-UE, u li jiżviluppa kooperazzjoni f'oqsma bħall-iżvilupp ekonomiku u soċjali,

l-enerġija u l-infrastrutturi, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, il-kooperazzjoni fl-ambitu tas-sigurtà, il-bini tal-kapital uman u r-relazzjonijiet parlamentari. L-UE u ħafna Stati Membri individwali jappoġġaw lill-KKR u jipparteċipaw fih.

Inizjattiva reġjonali importanti oħra hija l-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA). Barra minn hekk, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jieħdu sehem f'għadd ta' oqfsa reġjonali.

**D.** Eżenzjoni mill-viża

Minn Diċembru 2009, iċ-ċittadini tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (issa r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq), tal-Montenegro u tas-Serbja jibbenefikaw minn eżenzjoni mill-viża fiż-żona Schengen; din l-eżenzjoni għaċ-ċittadini tal-Albanija u tal-Bożnija-Ħerzegovina daħlet fis-seħħ f'Novembru 2010. F'Jannar 2012, tnieda djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mal-Kosovo. F'Lulju 2018, il-Kummissjoni kkonfermat li l-Kosovo kien issodisfa l-aħħar kriterju. F'Settembru 2018, il-Parlament segwa u ddeċieda li jidħol f'negozjati interistituzzjonali, li għadhom għaddejjin.

## IS-SITWAZZJONI ATTWALI

**A.** L-Albanija

L-Albanija applikat għal sħubija mal-UE fit-28 ta' April 2009. Fl-2012 il-Kummissjoni osservat progress pożittiv u rrakkomandat li l-pajjiż jingħata l-istatus ta' kandidat, soġġett għall-adozzjoni ta' ċerti riformi pendenti. Din il-kundizzjoni kienet ġiet fil-biċċa l-kbira ssodisfata qabel l-elezzjonijiet parlamentari tal-pajjiżi. F'Ottubru 2013, il-Kummissjoni rrakkomandat b'mod inekwivokabbli li l-Albanija tingħata l-istatus ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-UE, li mbagħad kisbet f'Ġunju 2014. Fid-dawl tal-progress tal-pajjiż, il-Kummissjoni rrakkomandat li jinfetħu negozjati ta' adeżjoni mal-Albanija fir-rapporti tagħha tal-2016 u l-2018. F'Ġunju 2018, il-Kunsill qabel dwar il-ftuħ possibbli tan-negozjati ta' adeżjoni mal-Albanija f'Ġunju 2019, dejjem jekk wieħed jassumi li l-kundizzjonijiet meħtieġa jkunu ssodisfati.

**B.** Il-Bożnija-Ħerzegovina

Il-Bożnija-Ħerzegovina (BiH) hija pajjiż kandidat potenzjali. F'Ġunju 2008 ġie nnegozjat u ffirmat FSA, iżda d-dħul fis-seħħ tiegħu ġie ffriżat, l-aktar minħabba li l-pajjiż naqas milli jeżegwixxi sentenza fundamentali tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-"approċċ imġedded" tal-UE fil-konfront tal-pajjiż, li jpoġġi aktar enfasi fuq il-governanza ekonomika, ippermetta d-dħul fis-seħħ tal-FSA fl-1 ta' Ġunju 2015. Il-pajjiż ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal sħubija fil-15 ta' Frar 2016. Il-Kummissjoni issa qed tfassal l-opinjoni tagħha abbażi tat-tweġibiet tal-BiH għal kwestjonarju komprensiv. Sadanittant, in-nuqqas ta' kapaċità tal-Parlament tal-BiH li jaqbel dwar ir-regoli ta' proċedura li jirregolaw il-laqgħat tiegħu mal-Parlament Ewropew (darbtejn fis-sena) ifisser li ma seħħew l-ebda tali laqgħat minn Novembru 2015. Dan jikkostitwixxi ksur tal-FSA mill-BiH.

**C.** Ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq

L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (issa r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq) applikat għall-adeżjoni mal-UE f'Marzu 2004 u ngħatat l-istatus ta' kandidat għall-UE f'Diċembru 2005. Madankollu, il-pajjiż ma setax jiftaħ in-negozjati ta' adeżjoni, l-aktar

minħabba t-tilwim mal-Greċja dwar l-użu mill-pajjiż tal-isem "Maċedonja". Din it-tilwima dwar l-isem il-ġdid tal-pajjiż — il-Maċedonja ta' Fuq — ġiet riżolta b'suċċess permezz tal-"Ftehim ta' Prespa" li daħal fis-seħħ fi Frar 2019. Il-Kummissjoni ilha mill-2009 b'mod konsistenti tirrakkomanda li jinfetħu n-negozjati ta' adeżjoni, liema rakkomandazzjoni minn dejjem kienet appoġġata mill-Parlament. F'Ġunju 2018, il-Kunsill qabel dwar il-possibbiltà ta' ftuħ tan-negozjati ta' adeżjoni, f'Ġunju 2019, mal-Maċedonja ta' Fuq, dejjem jekk wieħed jassumi li l-kundizzjonijiet meħtieġa jkunu ssodisfati.

## D. Il-Kosovo

Bħall-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo huwa pajjiż kandidat potenzjali għall-adeżjoni mal-UE. Huwa ddikjara b'mod unilaterali l-indipendenza tiegħu fi Frar 2008. L-Istati Membri kollha ħlief ħamsa (Ċipru, il-Greċja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja) irrikonoxxew l-indipendenza tiegħu. Fir-reġjun, is-Serbja u l-Bożnija-Ħerzegovina ma rrikonoxxewx il-Kosovo. F'Ġunju 2012 inħareġ Pjan Direzzjonali għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża. F'Lulju 2018, il-Kummissjoni kkonfermat li l-Kosovo kien issodisfa l-aħħar kriterju. F'Settembru 2018, il-Parlament Ewropew segwa u ddeċieda li jidħol f'negozjati interistituzzjonali, li għadhom għaddejjin. Wara li ntlaħaq ftehim storiku dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet (il-"Ftehim ta' Brussell") f'April 2013 bejn Belgrad u Pristina, f'Ġunju 2013 il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jiftaħ negozjati dwar FSA mal-Kosovo. L-FSA daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 2016. L-integrazzjoni futura tal-Kosovo fl-UE, bħal dik tas-Serbja, tibqa' marbuta mill-qrib mad-djalogu ta' livell għoli, iffaċilitat mill-UE, bejn il-Kosovo u s-Serbja, li għandu jwassal għal ftehim komprensiv legalment vinkolanti dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejniethom.

## E. Il-Montenegro

Il-Montenegro, li kiseb l-indipendenza fl-2006, applika għal sħubija fl-UE f'Diċembru 2008. Dan ingħata l-istatus ta' kandidat f'Diċembru 2010, u n-negozjati dwar l-adeżjoni nfetħu f'Ġunju 2012. F'konformità mal-"approċċ il-ġdid" li ħadet l-UE fil-konfront tal-proċess ta' adeżjoni, il-kapitoli kruċjali — il-Kapitolu 23 dwar ir-riforma ġudizzjarja u d-drittijiet fundamentali kif ukoll il-Kapitolu 24 dwar il-libertà, sigurtà u ġustizzja — infetħu f'fażi bikrija tan-negozjati, f'Diċembru 2013. Sal-aħħar tal-2018 kienu nfetħu 32 minn total ta' 35 kapitolu tan-negozjati. Fi Frar 2018 il-Kummissjoni ppubblikat Strateġija dwar il-Balkani tal-Punent ġdida li tiddikjara li l-Montenegro (u s-Serbja) jistgħu jingħaqdu mal-UE sal-2025, filwaqt li tirrikonoxxi li din il-perspettiva hi "estremament ambizzjuża".

## F. Is-Serbja

Is-Serbja ppreżentat l-applikazzjoni tagħha għall-adeżjoni mal-UE f'Diċembru 2009 u f'Marzu 2012 ingħatat l-istatus ta' kandidat wara li Belgrad u Pristina laħqu ftehim dwar ir-rappreżentanza reġjonali tal-Kosovo. Negozjati mas-Serbja għall-adeżjoni nfetħu formalment fil-21 ta' Jannar 2014. L-ewwel żewġ kapitoli, fosthom dak dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, infetħu f'Diċembru 2015. Il-Kapitoli 23 u 24, li huma l-kapitoli ewlenin dwar l-istat tad-dritt, infetħu fit-18 ta' Lulju 2016. Sal-aħħar tal-2018 kienu nfetħu total ta' 16-il kapitolu. Fi Frar 2018 il-Kummissjoni ppubblikat Strateġija dwar il-Balkani tal-Punent ġdida li tiddikjara li s-Serbja (u l-Montenegro) jistgħu jingħaqdu mal-UE sal-2025, filwaqt li tirrikonoxxi li din il-perspettiva hi "estremament ambizzjuża". L-integrazzjoni futura tas-Serbja fl-UE, bħal dik tal-

Kosovo, tibqa' marbuta mill-qrib mad-djalogu ta' livell għoli, iffaċilitat mill-UE, bejn is-Serbja u l-Kosovo, li għandu jwassal għal ftehim komprensiv legalment vinkolanti dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejniethom.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament huwa involut bis-sħiħ fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u l-approvazzjoni tiegħu kienet meħtieġa għall-konklużjoni ta' kull FSA (l-Artikolu 218(6) tat-TFUE). Jeħtieġ ukoll li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal kwalunkwe adeżjoni ġdida mal-UE (l-Artikolu 49 tat-TUE). Barra minn hekk, permezz tas-setgħat baġitarji tiegħu, huwa għandu influwenza diretta fuq l-ammonti allokati għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni. Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament jaħtar rapporteurs permanenti għall-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali kollha. Il-Parlament jesprimi l-pożizzjonijiet tiegħu dwar it-tkabbir fil-forma ta' riżoluzzjonijiet annwali dwar ir-"rapporti annwali tal-pajjiż" l-aktar reċenti tal-Kummissjoni. L-aħħar, iżda mhux l-inqas fl-importanza, huwa jżomm relazzjonijiet bilaterali regolari mal-parlamenti tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent permezz tad-delegazzjonijiet tiegħu, li jiddiskutu dwar kwistjonijiet rilevanti dwar il-PSA u l-proċess għall-adeżjoni mal-UE mal-kontropartijiet tagħhom fuq medja ta' darbtejn fis-sena.

André De Munter
04/2019